MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Numru 237/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Abraham Zammit)**
**vs**
**Saviour Saliba**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Saviour Saliba**, iben Carmel u Adriana nee' Cassar, mwieled Pieta nhar it-3 ta' Awissu 1958, u residenti f' 7, Triq il-Gdida, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 563658(M).

Talli bejn l-11 ta' Dicembru 1993 u l-4 ta' Jannar 2000 fil-fond; 7, Triq il-Gdida, Luqa, bhala detenur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandek f'idejk l-imsemmi fond b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(1) ikkomettejt serq ta’ kurrenti tal-elettriku li jammonta ghal Lm1,820.75c, ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;

(2) Ghamilt hsara jew ksirt parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-eletriku jew sigilli taghhom.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-qorti sabeix iwiegeb ghall-akkuza fuq imsemmija wara li kienet saret inkjesta magisterjali fil-fond 7, New Street, Luqa, in segwitu ta’ rapport dwar allegat tbaghbis fil-meter tad-dawl fl-istess fond. Dik l-inkwjesta, li l-process verbal taghha huwa formanti parti mill-atti ta’ din il-kawza, kienet ikkonkludiet illi l-konsumatur registrat kienet certu Adriana Saliba ta' 80 sena. Binha Salvu Saliba, l-imputat odjern, ilu joqghod fl-istess fond minn tfulitu. Certu Mike Caruana kien joqghod fil-fond qabel il-familja Saliba. Il-meter kien diga stallat fil-fond meta missier l-imputat ha l-pussess tieghu.

Illi kif jirrizulta mill-atti, missier l-imputat miet fil-1990 filwaqt illi ommu mietet fl-2001. L-inkjesta saret f’Jannar tal-2000 meta il-konsumatur registrat kienet ghada hajja. Ghalhekk il-presunzzjoni skond id-disposizzjoni tal-artikolu 264 (2) ma tistqax tkun applikata f’dan il-kaz peress illi l-imputat mhux wiehed mill-persuni msemmija fl-istess disposizzjoni;

L-imputat innega illi huwa qatt baghbas il-meter in kwistjoni. L-istess meter kien jiffunzjona u kien jirregistra l-konsum izda fih instabu bicciet ta' tertuqa u ghalhekk kienu inizzjali l-proceduri kontra l-imputat.

Illi fil-fehma tla-Qorti l-prosekuzzjoni ma ppruvatx illi kien l-imputat responsabbli minn dak allegat fil-konfront tieghu, haga li kellha taghmel peress illi l-presunzjoni ta' konsapevolezza ta' tali tbaghbis ma tistax tkun applikata kontra l-imputat kif fuq inghad.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**Marie Fleur Gauci**
**Deputat Registratur**

**vera kopja**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------